# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 227 :: APRIL, 2015



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **24 ta' April, 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqıu naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## LAQGĦA TA' FRAR



Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar inżammet il-laqgħa tax-xahar bħas-soltu fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fejn numru sabiħ ta' sbatax-il membru attendew. Sar ħafna qari mill-membri. Kien hemm min qara xi xogħol tiegħu waqt li oħrajn qraw xogħol ta' awturi oħra. Fost dawk li qraw kien hemm John Muscat, Manwel Cassar, Dr Victor Sammut, Michael Xuereb u Marie Louise Anastasi. Attendiet Ms Simone Cremona (*insert*) biex tkellimna fuq id-dramm mużikali *Ikun Li Trid Int* li dderiġiet dan l-aħħar bil-profitt kollu għall-karita. Wara kien hemm te u kafe` u xi gallettini u kejkijiet.

## LAQGĦA TA' MARZU

Il-laqgħa ta' Marzu li suppost inżammet fis-27 tax-xahar, ġiet imħassra minħabba li dak in-nhar kienet il-Festa tad-Duluri u kien hemm Quddiesa għall-okkażjoni fil-Kappella ta' San Pawl ħdejn iċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Ħadna gost naraw ħafna membri li jattendu għal din il-Quddiesa.

## REVIŻJONI TAR-REGOLI FUQ L-ORTOGRAFIJA TAL-KLIEM TA' NISEL INGLIŻ

Ir-reviżjoni tar-regoli fuq l-ortografija tal-kliem ta' nisel Ingliż (*tim, gass, plagg, klabb,* eċċ.) qiegħda fuq fomm kulħadd. Ta' min ifakkar li r-regola kurrenti, jiġifieri li dan il-kliem niktbuh fonetikament, kienet daħħlitha l-Akkademja tal-Malti fid-dokument imsejjaħ *Żieda mat-Tagħrif* (1984).
Permezz tal-Liġi tal-Malti, fl-2005 twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-ortografija saret responsabbiltà tiegħu.
L-Akkademja talbet lill-Kunsill tal-Malti biex norganizzaw laqgħa għall-membri tagħha, għall-awturi u l-pubblikaturi biex matulha jisimgħu x'qed jiġi diskuss fil-Kunsill tal-Malti u x'inhu l-akbar uġigħ ta' ras li qed iżomm lill-Kunsill milli jiddeċiedi, illum qabel għada, fuq ir-reviżjoni tar-regoli tal-1984.
Aħna sodisfatti li l-Kunsill laqa' mill-ewwel l-istedina tagħna u l-laqgħa saret fl-24 ta' Marzu 2015 f'Dar l-Ewropa, 254 Triq San Pawl, il-Belt, fis-6.00pm. Il-kelliema tal-Kunsill kienu l-Prof. Ray Fabri, il-Prof. Albert Borg u Dr George Farrugia.
Laqgħat oħra simili ma' udjenzi differenti se jsiru 'l quddiem u se jkunu organizzati mill-Kunsill tal-Malti.

# NIXTIEQU NARAW LIL ĠESU`




Nhar it-Tlieta, 10 ta' Frar, fl-Olive Gardens, Imdina, 6.30 pm, saret it-tnedija tal-ktieb *Nixtiequ Naraw lil Ġesu`*, li fih studji introduttorji għal kull ktieb tal-Patt il-Ġdid. L-awtur ta' dan il-ktieb huwa Paul Mizzi.
Irċevejna xi tagħrif dwar dan minn Joseph Farrugia minn Malta.
Huwa qalilna li hu kkunsidrah bħala privileġġ u kien pjaċir tiegħu li ltaqa' ma' dawk li attendew għal din l-okkażjoni speċjali. Huwa kompla jgħid li hu jsejħilha "speċjali" għaliex volum ta' din il-kwalità, kitba oriġinali tal-awtur, bi 800 paġna u b'tagħlim purament Bibliku, hu l-ewwel darba li qed jiġi ppubblikat bil-Malti.
Il-valur tal-ktieb *Nixtiequ Naraw Lil Ġesù* jinsab primarjament fil-kontenut rikk tiegħu. Partijiet analitiċi u tematiċi huma mżewqa b'oħrajn teoloġiċi u dottrinali, filwaqt li fih ukoll lok għall-etika u d-devozzjoni tan-Nisrani. Mhux biss l-iskular għandu jsib dal-ktieb ta' interess iżda anke l-persuna ta' edukazzjoni medja kapaċi tiggwadanja ħafna minnu peress li ssib studju adegwat għal kull Vanġelu u Epistola fit-Testment il-Ġdid.
Wara introduzzjoni qasira minn Dr Joseph Mizzi, Joseph Farrugia, bħala l-pubblikatur, qal kelmtejn; Paul Mizzi, l-awtur, ukoll għadda xi ħsibijiet tiegħu. B'kollox it-tnedija ħadet xi nofs siegħa. Immedjatament wara kien hemm *finger-food* u bibita.




# MA RRIDX IMMUR

It-Teatru Manoel u *The Rubberbodies Collective*, bis-sapport tal-Kunsill Malti għall-Arti, ippreżentaw l-iskritt rebbieħ tal-Premju Francis Ebejer, *Ma Rridx Immur*, miktub minn Leanne Ellul. Ħadu sehem Ruth Borg, Ryan Cutajar, Marta Vella u Josette Ciappara. Direzzjoni kienet ta' Jimmy Grima.
Dan inżamm fit-Teatru Manoel, fl-20-21 ta' Marzu, 8pm
T'għoxrin sena Casey għandha marda terminali. Imma l-mewt għaliha mhix problema daqskemm huma problemi dawk li taffaċċja kuljum. Fl-intimità tad-diskors tinkixef ir-relazzjoni ta' Casey mal-bqija tal-karattri; mimlija tensjoni u mdakkra bi ftit ferħ. Hemm Alfio l-għarus tagħha, u nanntu, u l-ħabiba ta' Casey. U missierha. Ħmar il-lejl mit-tfulija li jitla' fil-wiċċ. Il-passat ta' Casey jidher li se jibqa' jiġri warajha, daqstant ardit, daqstant kattiv. F'dan id-dramm nesploraw il-ħajja, l-imħabba, ir-rabja u l-mewt. Il-futur? Ħolma sfukata.

# IS-SERP, IL-QAMAR, TAĦT L-ART

Is-Serp, il-Qamar u Taħt l-Art huma tliet realtajiet li jmorru flimkien fil-kunċett tal-Bniedem fl-antik tal-eżistenza tiegħu fil-passat, fil-preżent u fil-futur. It-tlieta li huma jinżlu jew qegħdin taħt wiċċ id-dinja jew Oċeanu, Xmarat il-Mewt, li hija wkoll il-Baħar Mediterran, li mewweġ lejn il-Punent bħal kull kostellazzjoni.
Il-bniedem ġie mill-Art li rċivietu f'mewtu: fi ħdanha ltaqgħu l-Mewt u l-Fertilità tal-ħajja. Dan iċ-ċiklu sab xhieda kuljum fl-inżul u t-tlugħ tal-qamar u tas-serp: tal-ewwel irregula ħajjet il-bniedem fuq l-Art, tal-aħħar ipproteġa l-intratura lejn Taħt l-Art u l-verità li tinsab hemmhekk. F'dan ix-xenarju jidħlu wkoll is-siġra, l-eroj u l-konnessjoni tax-Xmara Nil mal-Qamar u n-nisa. Malta (Melite/Thrinacia) bit-Tempji Neolitiċi tagħha hija kandidat għas-sit ideali tal-Gżira Sagra li fil-mitoloġija Griega għandha x'taqsam mal-Alla Qamar u l-labirint.
Din it-taħdita pubblika mill-Professur Horatio Caesar Roger Vella, tad-Dipartiment tal-Latin u l-Grieg, u tal-Arkeoloġija fl-Università ta' Malta, li kien l-ewwel President tal-Malta Classics Association li organizza f'Sala E (fuq in-naħa tax-xellug), is-Swali tal-Konferenzi Mikiel Anton Vassalli (Gateway), l-Università ta' Malta fl-Imsida, nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2015, fis-6.00p.m. Wara kien hemm xorb u tnaqqir.





State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# *BARBECUE* B'XEJN GĦALL-MEMBRI TAL-GLM

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Marzu, ġie organizzat *barbecue* b'xejn għall-membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Dan, bħas-soltu, inżamm fuq il-proprjeta` tal-membri Frank u Draga Bonett, ġewwa Bulla.

Madwar 30 membri attendew. Il-ġurnata bdiet imsaħħba u ftit ksieħ, imma aktar ma' għadda l-ħin, is-sħab beda jiftaħ fejn dehret ix-xemx u saret ftit sħuna.

Waqt li kien qiegħed isir it-tisjir tal-laħam u z-zalzett minn Joe Lofaro u Charles Attard, il-membri l-oħra kienu qed jieħdu gost bil-mużika pprovduta minn Alfred Xuereb fuq is-synthesiser, Joe Gauci fuq il-kitarra u Joe Camilleri fuq il-perkussjoni. Dawn daqqew għażla varjata ta' mużika sabiħa, u kanzunetti bil-Malti bħal "Ix-Xemx", "Il-Bajja tal-Mellieħa" u "L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel" ma naqsux.







Wara li spiċċa t-tisjir, tqassam l-ikel, xorb minerali u ftit imbid aħmar u abjad ma naqasx lanqas.

Meta kulħadd kiel, kien wasal il-ħin għal ftit qari mill-membri, kemm xogħol oriġinali tagħhom u xogħol ta' poeti oħra.

Il-President, Dr Victor Sammut, beda biex qralna proża tiegħu. Joe Camilleri, John Muscat, Michael Xuereb u Manwel Cassar qraw xogħol tagħhom ukoll.

Wara l-qari l-membri qagħdu jitkellmu flimkien waqt li kulħadd kellu xi xarba f'idejh.

Id-daqqaqa Joe Gauci, Joe Camilleri u Alfred Xuereb komplew iferrħuna bil-mużika tagħhom.

Fl-istess ħin, xi membri nisa u rġiel kienu qed jilagħbu logħba boċċi "a la Maltija" fuq il-ħaxix. Grazzi lil Joe Camilleri li pprovda l-boċċi.

Saret preżentazzjoni żgħira lil Frank u Draga Bonett bħala apprezzament li kull sena jilqgħuna għandhom għal dan il-barbecue.

Grazzi lil Salvina Vella li organizzat ix-xiri tal-ikel u lil Marie Louise Anastasi li għenet fit-tqassim tal-ikel u t-tnaddif wara. Grazzi wkoll lil Doris Sammut li flimkien ma' Salvina ppreparaw il-frott għat-tqassim.

Grazzi lil Lora Gauci, Marie Louise Anastasi u Mary Camilleri li pprovdew xi ħelu, kejkijiet u pudina biex jitqassmu fost il-membri.

Grazzi wkoll lil Joe Lofaro u Charles Attard li sajru l-laħam u z-zalzett, u lid-daqqaqa, Joe Camilleri, Alfred Xuereb u Joe Gauci. U għal darb'oħra grazzi lil Frank u Draga li barra li laqgħuna għandhom, ippreparaw l-imwejjed u s-siġġijiet qabel wasalna.

Għalhekk il-membri tal-Grupp qattgħu ġurnata flimkien bħala familja waħda.

# 'IR-RIĊERKA TIEGĦI FL-MA'

'Ir-Riċerka Tiegħi fl-MA' huwa seminar li jlaqqagħna ma' studenti li jkunu qed jaħdmu fuq teżi tal-MA jew li jkunu għadhom kemm lestewha. L-għanijiet ewlenija tas-seminar huma li nsiru nafu aktar dwar ir-riċerka li għaddejja bħalissa fil-qasam tal-Malti, u fl-istess ħin l-istudenti jidraw jirċievu kritika kostruttiva li ssirilhom fuq xogħolhom. Dawk li jattendu din l-attività jsiru jafu x'riċerka għaddejja bħalissa fil-Malti, fl-oqsma tal-letteratura u l-lingwistika filwaqt li l-istudenti li għadhom qed jistudjaw għall-ewwel grad jitgħallmu x'jinvolvi l-proċess tal-kitba tat-teżi f'dan il-livell.

Din is-sena s-seminar se jsir l-Erbgħa 15 t'April f'Sala D1 (Gateway) mit-3.00 sal-4.30pm.

Il-kelliema u s-suġġetti magħżula se jkunu:

- Charlene Debattista – Il-Malti fl-Era Diġitali: Studju Soċjolingwistiku dwar l-Għodod u r-Riżorsi Diġitali għall-Malti
- Alvin Vassallo - Carmelo Camilleri u l-Ħidma Ġurnalistika Tiegħu
- Leanne Bajada - Reġistru, Temi u Xbihat Tabù fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija

Dan is-seminar huwa organizzat mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università, bl-għajnuna tal-Għaqda tal-Malti – Università.

**Nirringrazzja lill-membru tagħna Rose Lofaro li tgħin fil-qari tal-provi għalkemm jekk taħrab xi kelma nidħol responsabbli għaliha jien. Grazzi wkoll lil Joe Borg u Patrick Sammut u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta. Grazzi u napprezza.**

## IL-FESTIVAL 'L-GĦANJA TAL-POPLU'

**Nixtieqũ nifirħu lit-tliet finalisti tal-festival "Għanja tal-Poplu 2015". 1. "Ġismi" kantata minn Ecca Muscat. 2. "Ċans Ieħor" kantata minn Raquel Galdes. 3. "Battibekk" kantata minn Rita Pace. Prosit lill-organizzaturi ta' dan il-festival li minnu joħorġu l-aħjar kanzunetti Maltin. Grazzi lil Josephine Ebejer Grech li dejjem iżżomm lili aġġornat fuq dan il-festival u affarijiet oħra li jsiru f'Malta.**